**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Dicembru, 2015

Rikors Nru : 106/15 AL

**Ab**

***vs***

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fil-25 ta' April 1993;

Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dr Annalise Micallef fl-ghaxra (10) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), kopja hawn annessa u mmarkata Dok A;

Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjon bejn il-partijiet stante li illum huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi l-partijiet ilhom ghal dawn l-ahhar snin mifrudin, kif jidher mill-istess kuntratt ta' separazzjoni fil-klawsola numru 6, ossia mill-1 ta' Jannar 2009;

Illi ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment kemm ghal dak li jirrigwarda l-partijiet kif ukoll ghal dak li jirrigwarda minuri;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg, ezistenti bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat li permezz taghha ippremetta;

Illi fl-ewwel lok huwa qieghed jaghti ruhu b 'notifikat bir-rikors imressaq minn Anabel Spiteri sabiex jigi ippronunzjat id-divorzju bejniethom;

Illi huwa qieghed jaqbel mal-kontenut tar-rikors suindikat u mat-talbiet imressqa mir-rikorrenti Anabel Spiteri u ghalhekk ma jopponix illi z-zwieg taghhom jinhall u jigi ippronunzjat id-divorzju bejnhiethom;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Marzu, 2015;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-10 ta' Settembru 2013, izda ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.